# 32. Kruha Ma’ Kruha – Ġmiel ma’ Ġmiel

Biex teqred lill-qerrieda tal-imħażen
u tal-uċuħ – il-ġrieden wild il-kruha –
Ommna n-Natura għażlet tajra sewda,
bir-rix imqanfed,

b’munqarha qisu ganġ, b’par għajnejn suwed
f’nofs wiċċha jżebbġu, li mill-blat imferraq
twerżaq fid-dlam – il-kokka sewda
kerha daqs waħx.

Iżda biex teqred lill-insetti ċkejkna
qerrieda tal-wardiet safrana w roża
li jgħumu fuq wiċċ l-ilma, Omma n-Natura
għażlet l-alwetta,

bir-rix bejn abjad w ixheb ta’ fuq daharha,
b’munqarha lewn il-krema, b’għajnejn vjola
iħarsu mill-ġenbejn ta’ wiċċha ċkejken
mansi w mistħija,

l-alwetta li mill-bejta tal-ħuxlief imdendla
ma’ fergħa ħadra ttir għal fuq l-għadira,
fuq fergħa wiesgħa bħal sufrun f’wiċċ l-ilma
tistrieħ u tnaqqar

id-dud qerried: u waqt li tnaqqar tgħajjat
“pitt pitt, pitt pitt”; ma’ kull tpetpita denbha
jinżel u jitla’ sew kif jogħla w jinżel
is-sufrun taħtha.